

Taqkira għall-pubbliku

Progress dwar it-titjib tas-suq uniku tal-UE għas-servizzi

X'INHĠ L-KWISTJONI?

- Is-Servizzi bħal dawk ipprovduti mis-supermarkits, kuntratturi ta' bini, periti, avukati, aġenti tal-proprjetà immobbli, konsulenti, eċċ. jirrappreżentaw aktar minn **2/3 tal-impjegi** fl-Ewropa u **2/3 tal-Prodott Gross Domestiku (PGD)**.
- Fi snin reċenti, is-settur tas-servizzi kien is-sors ta' kważi l-impjegi kollha mañluqa fl-Ewropa.
- Minkejja dan, l-**ostakoli legali u amministrattivi** xorta wañda għad jistgħu jagħmluha diffiċli għan-negozji u l-konsumaturi biex **jixtru u jbigħu servizzi** kemm fil-pajjiżi tal-UE kif ukoll minn għandhom. Dawn jagħmluha wkoll diffiċli għan-negozji ż-żgħar u għall-persuni li jaħdmu għal rashom li jibdew attivitajiet ġodda jew li jespandu l-attivitajiet f'pajjiżhom jew barra minn pajjiżhom.
- Biex din is-sitwazzjoni taqleb għall-aħjar, liġi tal-UE – id-**Direttiva dwar is-Servizzi** – kienet adottata fl-2006 u kellha tkun implimentata fil-pajjiżi membri kollha sal-2009. L-UE attwalment ħarġet Komunikazzjoni biex tispjega xi **progress** sar minn dak inhar 'l hawn u x'**aktar titjib** jista' s-Suq Uniku jagħmel għas-servizzi biex jaħdmu aħjar.

GĦALIEX HEMM BŻONN LI TITTIJIED AZZJONI MILL-UE?

- Is-**Suq Uniku** tal-UE hu hemm biex ineñhi l-ostakoli u jissimplifika r-regoli biex b'hekk iċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu jipprofettaw mill-opportunitajiet mogħtija lilhom billi jkollhom aċċess dirett għal 27 pajjiż u 480 miljun persuna.
- Is-servizzi huma **parti prinċipali mill-ħajja ta' kuljum** meta naħdmu, nixtru jew ninvestu u huma l-mutur ewlieni tal-ekonomija tal-UE. Biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tagħhom, is-servizzi għandhom ikunu jistgħu "jiċċaqalqu" bejn 27 pajjiż tal-UE b'mod ħieles kemm jista' jkun f'suq uniku nazzjonali.

X'HEMM FIL-KOMUNIKAZZJONI?

- L-UE u l-pajjiżi membri tagħha għaddew minn "proċess ta' valutazzjoni reċiproka" fl-2010 biex jiġi determinat kif l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tejbet is-Suq Uniku għas-servizzi – il-Komunikazzjoni tippreżenta r-riżultati.
- Hi fiha wkoll **proposti** biex jittejjeb aktar it-tħaddim prattiku tas-Suq Uniku għas-servizzi – b'mod partikulari, "Test tal-prestazzjoni għas-Suq Uniku" **biex ikun ivvalutat l-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-UE** fuq għadd ta' setturi ta' servizzi importanti.

MIN SE JIBBENEFIKA U KIF?

- Iċ-**ċittadini** għandhom jibbenefikaw minn:
 - **xiri eħfef** għal servizzi bejn il-fruntieri
 - **aktar għażla**
 - **valur aħjar** għall-flus meta x-xiri jsir lokalment, bis-saħħa ta' aktar żieda fil-kompetizzjoni.
- **Negozji żgħar** b'mod partikulari (li jirrappreżentaw 95% tas-settur tas-servizzi) għandhom isibuha eħfef biex:
 - **jibdew** negozji ta' servizzi ġodda lokalment jew barra pajjiżhom

- **ibigħu servizzi** f'pajjiżi oħra tal-UE
- **jixtru servizzi** minn pajjiżi oħra

META MISTENNIJA TIDĦOL FIS-SEĦĦ IL-PROPOSTA?

- L-azzjonijiet proponuti mistennija li jkunu implimentati gradwalment fl-**2011-2012**.